

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B** **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2011/72/PESK**

**tal-31 ta' Jannar 2011**

**dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija**

(ĠU L 28, 2.2.2011, p. 62)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <b><u>M1</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/79/PESK tal-4 ta' Frar 2011	L 31	40	5.2.2011
► <b><u>M2</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/50/PESK tas-27 ta' Jannar 2012	L 27	11	31.1.2012
► <b><u>M3</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/724/PESK tas-26 ta' Novembru 2012	L 327	45	27.11.2012
► <b><u>M4</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/72/PESK tal-31 ta' Jannar 2013	L 32	20	1.2.2013
► <b><u>M5</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/409/PESK tat-30 ta' Lulju 2013	L 204	52	31.7.2013
► <b><u>M6</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/49/PESK tat-30 ta' Jannar 2014	L 28	38	31.1.2014
► <b><u>M7</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/157 tat-30 ta' Jannar 2015	L 26	29	31.1.2015
► <b><u>M8</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/119 tat-28 ta' Jannar 2016	L 23	65	29.1.2016
► <b><u>M9</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/153 tas-27 ta' Jannar 2017	L 23	19	28.1.2017
► <b><u>M10</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/141 tad-29 ta' Jannar 2018	L 25	38	30.1.2018
► <b><u>M11</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/135 tat-28 ta' Jannar 2019	L 25	23	29.1.2019
► <b><u>M12</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/117 tas-27 ta' Jannar 2020	L 22	31	28.1.2020
► <b><u>M13</u></b>	Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/55 tat-22 ta' Jannar 2021	L 23	22	25.1.2021
► <b><u>M14</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/118 tas-27 ta' Jannar 2022	L 19	67	28.1.2022
► <b><u>M15</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/154 tat-3 ta' Frar 2022	L 25	18	4.2.2022
► <b><u>M16</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1367 tal-4 ta' Awwissu 2022	L 205	276	5.8.2022
► <b><u>M17</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2086 tas-27 ta' Ottubru 2022	L 280	47	28.10.2022

**▼B****DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2011/72/PESK**

tal-31 ta' Jannar 2011

dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija

*Artikolu 1*

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu, huma proprjetà ta, miżmuma jew ikkontrollati minn persuni responsabbli għal misapproprijazzjoni ta' fondi tal-Istat Tuneżin, u persuni jew entitajiet fiżiċi jew ġuridiċi assoċjati magħhom, kif elenkati fl-Anness, għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fond jew riżors ekonomiku m'għandu jsiru disponibbli, direttament jew indirettament, lil jew għal benefiċċju ta' persuni jew entitajiet fiżiċi jew ġuridiċi elenkati fl-Anness.

**▼M15**

2a. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, fil-każ tal-mewt ta' persuna elenkata fl-Anness:

- (a) meta tkun ingħatat kundanna kriminali għal miżapproprjazzjoni ta' fondi tal-Istat kontra dik il-persuna qabel il-mewt tagħha, il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi li kienu jappartjenu lil dik il-persuna jew li kienu proprjetà tagħha, miżmuma jew ikkontrollati minnha, għandhom ikomplu jiġu ffriżati sakemm l-ordnijiet tal-qorti għall-irkupru tal-fondi tal-Istat miżapproprjati u l-ħlas ta' multi jkunu ġew eżegwiti;
- (b) meta ma tkun ingħatat l-ebda kundanna kriminali bħal din kontra dik il-persuna qabel il-mewt tagħha, il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi li kienu jappartjenu lil dik il-persuna jew li kienu proprjetà tagħha, miżmuma jew ikkontrollati minnha, għandhom ikomplu jiġu ffriżati għal perijodu ta' żmien raġonevoli, soġġett għall-paragrafu 4. Jekk azzjoni ċivili jew amministrattiva għall-irkupru ta' fondi tal-Istat miżapproprjati titressaq f'dak il-perijodu, il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi li kienu jappartjenu lil dik il-persuna jew li kienu proprjetà tagħha, miżmuma jew ikkontrollati minnha, għandhom jibqgħu ffriżati sakemm tali azzjoni tiġi miċħuda jew, jekk tintlaqa', sakemm tiġi eżegwita l-ordni tal-qorti għall-irkupru tal-fondi miżapproprjati.

2b. Il-Kunsill għandu jemenda l-lista fl-Anness kif meħtieġ ladarba jstabbilixxi li l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2a għaż-żamma tal-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi li kienu jappartjenu lill-persuna mejta jew li kienu proprjetà tagħha, miżmuma jew ikkontrollati minnha m'għadhomx jiġu ssodisfati.

**▼B**

3. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tawtorizza r-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew li ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli, taħt tali kondizzjonijiet li hi tikkunsidra adatti, wara li tkun iddeterminat li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi kkonċernati huma:

- (a) meħtieġa biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet bażiċi tal-persuni elenkati fl-Anness u l-membri tal-familja dipendenti minnhom, inklużi pagamenti għal ikel, kera jew dejn, mediċini u kura medika, taxxi, premiums tal-assigurazzjoni, u ħlasijiet ta' servizzi pubbliċi;
- (b) maħsubin esklussivament għall-ħlas ta' onorarij professjonali raġonevoli u għar-rimborż ta' spejjeż magħmula li huma assoċjati mal-provvista ta' servizzi legali;

**▼B**

- (c) maħsubin esklussivament għall-pagament ta' miżati jew ħlasijiet għal servizzi għaż-żamma jew manteniment ta' rutina ta' fondi ffriżati jew riżorsi ekonomiċi; jew
- (d) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, bil-kondizzjoni li l-awtorità kompetenti tkun innotifikat lill-awtorità kompetenti tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bir-raġunijiet li għalihom tikkunsidra li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika, mill-inqas ġimgħatejn qabel l-awtorizzazzjoni.

Stat Membru għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan il-paragrafu.

**▼M3**

4. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, dment li jkunu ssodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma s-suġġett ta' deċiżjoni arbitrali mogħtija qabel id-data meta l-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp imsemmi fil-paragrafu 1 ġie elenkat fl-Anness jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva meħuda fl-Unjoni, jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja infurzabbli fl-Istat Membru kkonċernat, qabel jew wara dik id-data;
- (b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi ser jintużaw esklużivament biex jissodisfaw pretensjonijiet ggarantiti minn tali deċiżjoni jew rikonoxxuti bħala validi f'tali deċiżjoni, fil-limiti stipulati fil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet ta' persuni li għandhom tali pretensjonijiet;
- (c) id-deċiżjoni mhix għall-benefiċċju ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness; u
- (d) ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni ma jmurx kontra l-politika pubblika fl-Istat Membru kkonċernat.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija bis-saħħa ta' dan il-paragrafu.

5. Il-paragrafu 2 m'għandux japplika għaż-żieda fil-kontijiet iffriżati ta':

- (a) imgħax jew dħul ieħor fuq dawk il-kontijiet; jew
- (b) ħlasijiet dovuti taħt kuntratti, ftehimiet jew obbligi li jkunu ġew konklużi jew li nħolqu qabel id-data li fiha dawk il-kontijiet saru soġġetti għal din id-Deċiżjoni; jew
- (c) ħlasijiet dovuti taħt deċiżjonijiet ġudizzjarji, amministrattivi jew arbitrali mogħtija fl-Unjoni jew infurzabbli fl-Istat Membru kkonċernat,

dment li tali imgħax, dħul ieħor u ħlasijiet jibqgħu soġġetti għall-miżuri previsti fil-paragrafu 1.

**▼B***Artikolu 2*

1. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq proposta minn Stat Membru jew ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, għandu jistabbilixxi u jemenda l-lista li tinsab fl-Anness.

**▼B**

2. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu, inklużi r-raġunijiet għall-elenkar, lill-persuna jew l-entità kkonċernata, jew direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż, u b'hekk tali persuna jew entità jingħataw l-opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet.

3. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, jew provi sostanzjali ġodda, il-Kunsill għandu jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu u jinforma lill-persuna jew entità skont il-każ.

*Artikolu 3*

1. L-Anness għandu jinkludi r-raġunijiet għall-elenkar ta' persuni u entitajiet.

2. L-Anness għandu jkun fih ukoll, meta tkun disponibbli, l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu identifikati l-persuni jew entitajiet ikkonċernati. Fir-rigward tal-persuni, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, inkluż il-psewdonimi, id-data u l-post tat-twelid, iċ-ċittadinanza, in-numri tal-passaport u tal-karta tal-identità, is-sess, l-indirizz jekk magħruf, u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward tal-entitajiet, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-post tan-negozju.

*Artikolu 4*

Sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt tal-miżuri msemmija hawn fuq, l-Unjoni għandha tħeġġeġ lil Stati terzi biex jadottaw miżuri restrittivi simili għal dawk imniżżla f'din id-Deċiżjoni.

**▼M16***Artikolu 5*

1. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Jannar 2023.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tinżamm taħt rieżami kostanti. Tista' tiġġedded jew tiġi emendata, skont il-każ, jekk il-Kunsill iqis li l-oġettivi tagħha ma jkunux intlaħqu.

**▼B***Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

## A. Lista ta' persuni u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
1.	Zine El Abidine Ben Ħaj Hamda Ben Ħaj Hassen BEN ALI	Post tat-twelid: Hammam-Sousse Data tat-Twelid: 3 ta' Settembru 1936 Nazzjonalità: Tuneżina Nru tal-ID: 00354671 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: raġel Informazzjoni oħra: mejjet, ex President tat-Tuneżija, iben Selma HASSEN, miżżewweġ lil Leïla TRABELSI	Persuna (mejta) li l-attivitajiet tagħha huma soġġetti għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini fir-rigward tal-miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jakkwista vantaġġ mhux ġustifikat għal parti terza u biex jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra u għar-reat ta' riċezzjoni minn uffiċjal pubbliku ta' fondi pubbliċi li kien jaf ma kinux dovuti, u li ġew użati għall-benefiċċju personali tiegħu jew ta' membri tal-familja tiegħu.
2.	Leïla Bent Mohamed Ben Rhouma TRABELSI	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Tuneż, it-Tuneżija Data tat-Twelid: 24 ta' Ottubru 1956 Nru tal-ID: 00683530 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: mara Informazzjoni oħra: bint Saida DHERIF, miżżewġa lil Zine El Abidine BEN ALI	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità fil-miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jakkwista vantaġġ mhux ġustifikat għal parti terza u biex jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra, u għal kompliċità fir-reat ta' riċezzjoni minn uffiċjal pubbliku ta' fondi pubbliċi li kien jaf ma kinux dovuti, u li ġew użati għall-benefiċċju personali tiegħu jew ta' membri tal-familja tiegħu.
3.	Moncef Ben Mohamed Ben Rhouma TRABELSI	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Tuneż, it-Tuneżija Data tat-Twelid: 4 ta' Marzu 1944 L-aħħar indirizz magħruf: 11 rue de France — Radès Ben Arous Nru tal-ID: 05000799 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: raġel Informazzjoni oħra: mejjet, direttur maniġerjali iben Saida DHERIF, miżżewweġ lil Yamina SOUIEI	Persuna (mejta) li l-attivitajiet tagħha huma soġġetti għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.

▼ M12

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
▼ <u>M17</u>			
▼ <u>M12</u>			
5.	Fahd Mohamed Sakher Ben Moncef Ben Mohamed Hfaiez MATERI	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Tuneż, it-Tuneżija Data tat-Twelid: 2 ta' Diċembru 1981 Nru tal-ID:04682068 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: raġel Informazzjoni oħra: iben Naïma BOUTIBA, miżżewweġ lil Nesrine BEN ALI	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità fil-miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika (l-ex President Ben Ali) biex jakkwista vantaġġ mhux ġustifikat għal parti terza u biex jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika (l-ex President Ben Ali) bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra, u għal kompliċità fir-reat ta' riċezzjoni minn uffiċjal pubbliku ta' fondi pubbliċi li kien jaf ma kinux dovuti, u li ġew użati għall-benefiċċju personali tiegħu jew ta' membri tal-familja tiegħu.
6.	Nesrine Bent Zine El Abidine Ben Ħaj Hamda BEN ALI	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Tuneż, it-Tuneżija Data tat-Twelid: 16 ta' Jannar 1987 Nru tal-ID:00299177 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: mara Informazzjoni oħra: bint Leïla TRABELSI, miżżewġa lil Fahd Mohamed Sakher MATERI	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità fil-miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jakkwista vantaġġ mhux ġustifikat għal parti terza u biex jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra, u għal kompliċità fir-reat ta' riċezzjoni minn uffiċjal pubbliku ta' fondi pubbliċi li kien jaf ma kinux dovuti, u li ġew użati għall-benefiċċju personali tiegħu jew ta' membri tal-familja tiegħu.

▼ M12▼ M14

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
7.	Halima Bent Zine El Abidine Ben Ħaj Hamda BEN ALI	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Tuneż, it-Tuneżija Data tat-twelid: 17 ta' Lulju 1992 L-aħħar indirizz magħruf: il-Palazz Presidenzjali, Tuneż, it-Tuneżija Nru tal-ID: 09006300 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: mara Informazzjoni oħra: bint Leïla TRABELSI	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f' miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra, u assoċjata ma' Leila Trabelsi (Nru 2).
8.	Belhassen Ben Mohamed Ben Rhouma TRABELSI	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Tuneż, it-Tuneżija Data tat-Twelid: 5 ta' Novembru 1962 L-aħħar indirizz magħruf: 32 rue Hédi Karray — El Menzah — Tunis, Tunisia Nru tal-ID:00777029 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: raġel Informazzjoni oħra: direttur maniġerjali, iben Saida DHERIF	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f' miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
9.	Mohamed Naceur Ben Mohamed Ben Rhouma TRABELSI	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Tuneż, it-Tuneżija Data tat-Twelid: 24 ta' Ġunju 1948 L-aħħar indirizz magħruf: 20 rue El Achfat — Cart-hage — Tuneż, it-Tuneżija Nru tal-ID: 00104253 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: raġel Informazzjoni oħra: aġent manager ta' impriża agrikola, iben Saida DHERIF, miżżewweġ lil Nadia MAKNI	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f' miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.

## ▼M12

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
10.	Jalila Bent Mohamed Ben Rhouma TRABELSI	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Radès Data tat-Twelid: 19 ta' Frar 1953 L-aħħar indirizz magħruf: 21 rue d'Aristote — Cart-hage Salammbô Nru tal-ID:00403106 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: mara Informazzjoni oħra: direttur maniġerjali, bint Saida DHERIF, miżżewġa lil Mohamed MAHJOUR	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
11.	Mohamed Imed Ben Mohamed Naceur Ben Mohamed TRABELSI	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Tuneż, it-Tuneżija Data tat-Twelid: 26 ta' Awwissu 1974 L-aħħar indirizz magħruf: 124 avenue Habib Bourguiba - Carthage residence Nru tal-ID:05417770 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: raġel Informazzjoni oħra: negozjant, iben Najia JERIDI	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
12.	Mohamed Adel Ben Mohamed Ben Rehouma TRABELSI	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Tuneż, it-Tuneżija Data tat-Twelid: 26 ta' April 1950 L-aħħar indirizz magħruf: 3 rue de la Colombe — Gammarth Supérieur Nru tal-ID: 00178522 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: raġel Informazzjoni oħra: mejjet, direttur maniġerjali, iben Saida DHERIF, miżżewġeġ lil Souad BEN JAMIA	Persuna (mejta) li l-attivitajiet tagħha huma soġġetti għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.

## ▼M12

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
13.	Mohamed Mourad Ben Mohamed Ben Rehouma TRABELSI	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Tuneż, it-Tuneżija Data tat-Twelid: 25 ta' Settembru 1955 L-aħħar indirizz magħruf: 20 rue Ibn Chabat — Salammbô — Carthage -Tuneż, it-Tuneżija Nru tal-ID:05150331 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: raġel Informazzjoni oħra: Uffiċjal kap eżekuttiv, iben Saida DHERIF, miżżewweġ lil Ħela BELHAJ	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f' miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
14.	Samira Bent Mohamed Ben Rhouma TRABELSI	Nazzjonalità: Tuneżina Data tat-Twelid: 27 ta' Diċembru 1958 L-aħħar indirizz magħruf: 4 rue Taoufik EI Hakim — La Marsa , Nru tal-ID:00166569 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: mara Informazzjoni oħra: direttur tal-bejgħ, bint Saida DHERIF, miżżewġa lil Mohamed Montasser MEHERZI	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità fil-miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jakkwista vantaġġ mhux ġustifikat għal parti terza u biex jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra, u għal kompliċità fir-reat ta' riċezzjoni minn uffiċjal pubbliku ta' fondi pubbliċi li kien jaf ma kinux dovuti, u li ġew użati għall-benefiċċju personali tiegħu jew ta' membri tal-familja tiegħu.
15.	Mohamed Montassar Ben Kbaier Ben Mohamed MEHERZI	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: La Marsa Data tat-Twelid: 5 ta' Mejju 1959 L-aħħar indirizz magħruf: 4 rue Taoufik EI Hakim — La Marsa Nru tal-ID: Nru tal-ID:00046988 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: raġel Informazzjoni oħra: Uffiċjal kap eżekuttiv, iben Fatma SFAR, miżżewweġ lil Samira TRABELSI	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f' miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.

## ▼ M12

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
16.	Nefissa Bent Mohamed Ben Rhouma TRABELSI	Nazzjonalità: Tuneżina Data tat-Twelid: 1 ta' Frar 1960 L-aħħar indirizz magħruf: 4 rue de la Mouette — Gammarth Supérieur , Nru tal-ID:00235016 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: mara Informazzjoni oħra: bint Saida DHERIF, miżżewġa lil Habib ZAKIR	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f' miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
17.	Habib Ben Kaddour Ben Mustapha BEN ZAKIR	Nazzjonalità: Tuneżina Data tat-Twelid: 5 ta' Marzu 1957 L-aħħar indirizz magħruf: 4 rue Ennawras — Gammarth Supérieur Nru tal-ID:00547946 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: raġel Informazzjoni oħra: żviluppatur tal-proprietà, iben Saida BEN ABDALLAH, miżżewweġ lil Nefissa TRABELSI	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f' miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
18.	Moez Ben Moncef Ben Mohamed TRABELSI	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Tuneż, it-Tuneżija Data tat-Twelid: 3 ta' Lulju 1973 L-aħħar indirizz magħruf: apartment block Amine El Bouhaira-rue du Lac Turkana-Les Berges du Lac-Tunis, it-Tuneżija Nru tal-ID:05411511 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: raġel Informazzjoni oħra: żviluppatur tal-proprietà, iben Yamina SOUIEI, direttur maniġerjali	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f' miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.

## ▼M12

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
19.	Lilia Bent Noureddine Ben Ahmed NACEF	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Tuneż, it-Tuneżija Data tat-Twelid: 25 ta' Ġunju 1975 L-aħħar indirizz magħruf: 41 rue Garibaldi -Tuneż, it-Tuneżija Nru tal-ID:05417907 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: mara Informazzjoni oħra: direttur maniġerjali, bint Mounira TRABELSI (oħt Leïla TRABELSI), miżżewġa lil Mourad MEHDOUI	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f' miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
20.	Mourad Ben Hédi Ben Ali MEHDOUI	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Tuneż, it-Tuneżija Data tat-Twelid: 3 ta' Mejju 1962 L-aħħar indirizz magħruf: 41 rue Garibaldi — Tuneż, it-Tuneżija Nru tal-ID:05189459 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: raġel Informazzjoni oħra: Uffiċjal kap eżekuttiv, iben Neila BARTAJI, miżżewweġ lil Lilia NACEF	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f' miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
21.	Housseem Ben Mohamed Naceur Ben Mohamed TRABELSI	Nazzjonalità: Tuneżina Data tat-Twelid: 18 ta' Settembru 1976 L-aħħar indirizz magħruf: housing estate Erriadh.2-Gammarth — Tuneż, it-Tuneżija Nru tal-ID:05412560 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: raġel Informazzjoni oħra: Uffiċjal kap eżekuttiv, iben Najia JERIDI	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f' miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.

▼ M12

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
▼ <u>M13</u>			
▼ <u>M12</u>			
24.	Mehdi Ben Ridha Ben Mohamed BEN GAIED	Nazzjonalità: Tuneżina Data tat-Twelid: 29 ta' Jannar 1988 L-aħħar indirizz magħruf: 4 rue Mohamed Makhlouf — El Manar.2-Tunis, it-Tuneżija Sess: raġel Informazzjoni oħra: Uffiċjal kap eżekuttiv ta' Stafiem — Peugeot, iben Kaouther Ferial HAMZA	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f' miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
25.	Mohamed Slim Ben Mohamed Hassen Ben Salah CHIBOUB	Nazzjonalità: Tuneżina Data tat-Twelid: 13 ta' Jannar 1959 L-aħħar indirizz magħruf: rue du Jardin — Sidi Bousaid — Tuneż, it-Tuneżija Nru tal-ID:00400688 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: raġel Informazzjoni oħra: Uffiċjal kap eżekuttiv, iben Leila CHAIBI, miżżewweġ lil Dorsaf BEN ALI	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f' miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika (l-ex President Ben Ali) biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
26.	Dorsaf Bent Zine El Abidine Ben Ħaj Hamda BEN ALI	Nazzjonalità: Tuneżina Post tat-twelid: Le Bardo Data tat-Twelid: 5 ta' Lulju 1965 L-aħħar indirizz magħruf: 5 rue El Montazah — Sidi Bousaid — Tuneż, it-Tuneżija Nru tal-ID:00589759 Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija Sess: mara Informazzjoni oħra: bint Naïma EL KEFI, miżżewġa lil Mohamed Slim CHIBOUB	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f' miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.

▼ **M12**

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
27.	Sirine (Cyrine) Bent Zine El Abidine Ben Ħaj Hamda BEN ALI	<p>Nazzjonalità: Tuneżina</p> <p>Post tat-twelid: Le Bardo</p> <p>Data tat-Twelid: 21 ta' Awwissu 1971 , Nru tal-ID:05409131</p> <p>Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija</p> <p>Passaport Nru: x599070</p> <p>Data tal-ħruġ: Novembru 2016</p> <p>Data tal-iskadenza: 21 ta' Novembru 2021</p> <p>Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija</p> <p>Sess: mara</p> <p>Informazzjoni oħra: bint Naïma EL KEFI, miżżewġa lil Mohamed Marwan MABROUK</p>	<p>Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f' miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.</p>
29.	Ghazoua Bent Zine El Abidine Ben Ħaj Hamda BEN ALI	<p>Nazzjonalità: Tuneżina</p> <p>Post tat-twelid: Le Bardo</p> <p>Data tat-twelid: 8 ta' Marzu 1963</p> <p>L-aħħar indirizz magħruf: 49 Avenue Habib Bourguiba — Carthage, it-Tuneżija</p> <p>Nru tal-ID: 00589758</p> <p>Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija</p> <p>Sess: mara</p> <p>Informazzjoni oħra: tabiba, bint Naïma EL KEFI, miżżewġa lil Slim ZARROUK</p>	<p>Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f' miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra, u assoċjata ma' Slim Zarrouk (Nru 30).</p>

▼ **M14**

## ▼ M12

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
30.	Slim Ben Mohamed Salah Ben Ahmed ZARROUK	<p>Nazzjonalità: Tuneżina</p> <p>Post tat-twelid: Tuneż, it-Tuneżija</p> <p>Data tat-Twelid: 13 ta' Awwissu 1960</p> <p>L-aħħar indirizz magħruf: 49 avenue Habib Bourguiba — Carthage</p> <p>Nru tal-ID:00642271</p> <p>Pajjiż tal-ħruġ: it-Tuneżija</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Informazzjoni oħra: Uffiċjal kap eżekuttiv, iben Maherzia GUEDIRA, miżżewweġ lil Ghazoua BEN ALI</p>	<p>Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji, jew proċess ta' rkupru tal-assi wara sentenza finali tal-qorti, mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.</p>
